# SAN NICOLÒ MAGNO

## Poeżija ta' Gaspare Pace miktuba u mxandra fl-1949

Tagħrif minn Joseph Schembri

Din hija poeżija miktuba għall-festa ta' San Nikola fis-6 ta' Diċembru 1949, minn Gaspare Pace li kien magħruf bħala "poeta popolari" tas-Siġġiewi. Il-poeżija, id-dedikata lil San Nikola Magno (il-Kbir), il-padrun ta' raħalna, iġġib il-versi tal-ħdax fi kwartini (b'erba versi) u fil-waqt li joħroġ in-natural u l-karattru ta' Gaspare hija maħduma b'sengħa partikulari.

Għalkemm Gaspare ma kienx ta' skola kbira, imma minn din il-poeżija, wieħed jikkonkludi li għalkemm forsi ma marx skola sekondarja, Gaspare kien bniedem li minn ġuf ommu twieled poeta, u rnexxielu, b'ħafna qari ta' kotba, li fihom għerf kbir, b'mod speċjali l-iskrittura, li jagħmel minnu nnifsu poeta tajjeb u ta' għożża. Jien niftakar fi tfuliti, meta kelli madwar disa' jew għaxar snin, ngħaddi minn fejn id-dar tiegħu ta' spiss u kont narah dejjem medhi jaqra ħafna kotba jew jikteb xi sunett.

Qabel ma jibda l-poeżija, Gaspare jiddedikaha lill-Belt Ferdinando - Is-Siġġiewi, u jsemmi 'l dawk il-knejjes tad-dinja kollha li jqimu t-twemmin Nisrani u li fis-6 ta' Diċembru jfakkru lil San Nikola l-Kbir, l-Arċisqof ta' Mira u Padrun tal-Licea u wkoll tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi.

It-tieni strofa hija fost l-isbaħ li għandu f'din il-poeżija. Minn dak li hu tan-natura huwa jgħaddi għal dak li hu spiritwali, fil-każ tagħna, il-kobor ta' San Nikola. Huwa jsejjaħlu "kewkba singulari". Fl-istrofa ta' wara huwa jgħid li Nikola kien magħżul mis-sema biex jieħu ħsieb lis-Siġġiwin. Fil-ħames strofa juri li bi kliemu stess huwa jinqeda bil-Kotba Mqaddsa, biex ifisser il-kobor u l-qdusija ta' San Nikola billi jxebbħu ma' Tobija.

Mis-sitt sat-tmien strofa jidher ċar li huwa studja sewwa l-ħajja ta' dan il-qaddis. Fid-disa' strofa huwa jsemmi l-ħobż u l-manna ta' San Nikola u jgħid li "f'kull saram jisfgħu ta' ħelsien". Fl-istrofa ta' wara huwa jfisser il-miraklu dwar it-Trinita` Mqaddsa li kien wettaq fil-Konċilju ta' Nicea, u jgħid:

"Fisser kif Kristu hu Bniedem, hu Alla
Li Kien minn dejjem ħaj fit-Trinita'"

Il-poeta fl-istrofa ta' qabel l-aħħar isemmi 'l dawk il-qaddisin li għollew u faħħru lil San Nikola. Fl-aħħar strofa huwa jxebbah lil San Nikola mal-ġmiel tan-Natura, fosthom is-safa tal-gilju fix-xagħri.

Is-Sur Nikol Callus tana wkoll xi kummenti ta' tifħir li għamlu dwar San Nikola ta' Bari, dawk il-qaddisin li Gaspare jsemmi fil-hdax -il strofa ta' din il-poeżija.

**San Ġwann Damaxxenu** Hemm disa' innijiet ta' tifħir lil San Nikola li għal ħafna żmien kien jingħad li nkitbu minn San Ġwann Damaxxenu. L-ewwel żewġ innijiet intilfu. Fil-bidu ta' dan is-seklu, studjużi esperti fl-innoloġija sagra huma dubbjużi ħafna jekk qattx dawn inkitbu minn Mauropos, isqof ta' Euchaita fis-seklu XI. Hemm studjużi li jattribwixxuhom lilĠwann Monaco. P. Gerardo Cioffari O.P. għalkemm jaqbel li seta' kitibhom San Ġwann Damaxxenu, għax il-materjal kontenut f'dawn l-innijiet jaqbel ħafna mal-kuntest tal-letteratura Nikoljana tas-seklu VIII, ma jħossx ruħu żgur minn dak li jaf rigward din il-kwestjoni.

**San Bernard** "Dan hu Nikola li d-dinja kollha tfaħħru, flimkien ma' dawk kollha li fiha jgħammru, ġuvintur, xebbiet, xjuħ u tfal, kulħadd ifaħħar l-isem tiegħu."
"San Nikola hu meqjum u mfaħħar fuq il-baħar u fuq l-art, imsejjaħ bħala ħabib fil-bżonn u tabib f'kull periklu, u wara l-isem ta' Maria Santissima, m'hemmx isem aktar ħelu li jinżel għasel f'qalb l-imnikktin daqs l-isem ta' San Nikola."

**San Ġwann Kriżostmu** Fil-Liturġija hekk imsejħa ta' San Ġwann Kriżostmu, fil-quddiesa nsibu din it-talba: "Nikola inti regula tal-Fidi, xbieha tal-manswetudni, mgħallem tal-ġnus, int dejjem għallirnt is-sewwa lill-merħla. Int wasalt fl-ogħla grad ta' qdusija, permezz ta' l-umilta` u ta' faqar kbir. O Missier tagħna Nikola idher quddiem Sidna Gesu` u aqlgħalna l-fejqan ta' ruħna."

**San Bonavetura** fi priedki qal: "li l-fama ta' qdusitu, l-għaġeb tal-mirakli tiegħu, xterrdu mad-dinja kollha tant kemm hu kbir San Nikola li tisma' kemm tisma' fuq għemejjel qdusitu qatt ma tkun smajt biżżejjed."

**San Girgor il-Kbir** Fi żmien dan il-Papa, San Nikola tnizzel fil-Passjonarju Ruman tas-seklu VII. Dan il-Papa bena wkoll xi knejjes iddedikati lil San Nikola.

**San Tumas**
San Tumas qal "li San Nikola kien il-veru Timotew għax ħaddem l-episkopat tiegħu eżatt fuq ir-rakkoman-

**FERDINANDUM CIVITAS**
**FESTA FIL-KNEJJES KOLLHA TAD-DINJA TA' KULL RIT NISRANI**
**FIS-6 TA' DIĊEMBRU 1949**
**AD UNUR TAL-KBIR TAWMATURGU UNIVERSALI**

# *SAN NICOLÒ MAGNO*

**Arċisqof tal-Belt ta' Mira, Patrun tal-Liċja**
**U Titular tal-Famuż Tempju Matriċi w Parrokkjali tas-Siġġiewi**
**VERSI TA' WARD IL-VJOLI**

F'kull belt, f'kull raħal u f'kull tokk tal-ħlejjaq
Jinħtieġ il-Ħares ta' ruħ il-bnedmin
Magħżul mis-Sema, b'kull qawwa setgħani
Li miegħex Kristu lill-kbar qaddisin.

Jgħaxxqek is-sema miksi kollu kwiekeb,
Bil-kobor jgħaġġbuk l-ibħra verament;
Imma Nikola, kewkba singulari:
Min jikser ġmielha fost il-firmament?

Ta' barka u fejda kienet il-fortuna
Li messet bl-isbaħ riżq is-Siġġewin,
Meta Nikola ġie maħtur biex Ħares
Ikun u jibqa' tagħhom mid-destin,

Sabiħ il-qamar minn kif feġġ fid-dinja,
U ġmielu bla mittiefes żamm kif kien;
'Ma ġmiel Nikola feġġ qabel ma twieled,
U dawl sbuħitu baqa' jżid maż-żmien.

Ta' l-art, il-firxa bil-ħlejjaq miżgħuda
Għal ma' NIkola jissaħħar kulħadd,
Donnu Tobija, jivvampja bl-imħabba,
Kliemu tal-għasel, ma jagħdab żgur qatt.

U x'ħin l-imnanar f'idejn it-tiranni,
U x'ħin ħbieb Kristu fil-ħabs marbutin,
Jidher Nikola; mad-dehra biss tiegħu
Jaħarbu l-kiefra w il-ħbieb meħlusin.

Fi qċaċet l-iġbla fejn hemm biss il-beraħ,
Isem Nikola ta' wens kullimkien;
F'witat il-wileġ, fl-imsieraħ, fl-irkejjen;
Imqar fil-fnadaq ta' l-ofnod widien.

W ix-xbiha tiegħu kulħadd sewwa jgħożżha,
Slaten, Sovrani, Prinċpi w Imħallfin;
Jifthu bwieb qlubhom il-Bojod w is-Suwed
Jidħol Nikola, ġieħ tal-qaddisin.

Sa fuq l-imriekeb ta' l-art kemm ta' l-ajru,
U fuq tal-baħar galjuni w iġfien,
il-Ħobż w il-Manna, ma' tiegħu xi dehra,
Dejjem f'kull saram jisfaw ta' ħelsien.

Il-għerf w il-ħeġġa tal-Kbir San Nikola
Dehru f'Nicea, x'ħin il-Verita'
Fisser kif Kristu hu Bniedem; hu Alla,
Li kien minn dejjem ħaj fit-Trinita'.

Id-Damaxxenu, Bernard w il-Kriżostmu,
Bonaventura, kemm Girgor il-Kbir,
Tumas, Ambroġju, Metodju w Anselmu
Bir-rixa tagħhom għollewh b'kull tifħir,

Hu ġmiel is-safa tal-ġilju fix-xagħri,
Umli bħal vjoli fil-weraq mistur:
Ukoll il-gażżi li jxewwek; 'ma jfewwaħ,
Xebħ ta' Nikola, Arċisqof, Pastur.

GASPARE PACE - Siġġiewi 1-11-49

dazzjonijiet li l-Appostlu San Pawl kien ta lid-dixxipli tiegħu. U f'kumment għall-Ewwel Ittra lil Timotju Kap IV Lezzjoni III isemmi lil San Ambroġ u lil San Nikola li kienu ġew magħżulin Isqfijiet minn stat lajk b'ispirazzjonijiet Divina.

**San Metodju**
L-Imħabba tal-Proxxmu kienet f'qalb San Nikola bħaż-żejt f'musbieħ li jdawwal u jgħajjex ukoll il-virtujiet l-oħra kollha li tant kien jgħożż.

**Sant'Anselmu**
Dan l-Arċisqof mar f'Mira jitlob fuq il-qabar tat-Tawmaturgu San Nikola. L-itwal u l-isbaħ talba lil dan il-qaddis minn Patara kitibha Sant'Anselmu. Wieħed jista' jaqraha fil-ktieb ta' Benedicta Ward *"The Prayers and Meditations of St. Anselm"*, Bugay (Suffolk, 1973, it-Tieni Edizzjoni 1979 pp184-195).